## Ħarsa lejn:

# Opri li għandha l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp li saru jew li ġew irregalati lilha 150 u 100 sena ilu

* **Fl-4 ta' Marzu 1850,** Mons. Kan. Kap. Salvatore Lanzon li kien Arċidjaknu tal-Kapitlu tal-Katidral u Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Malta, kif ukoll membru fi ħdan l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp, li tagħha huwa kien ukoll benefattur kbir (tant li l-fdalijiet tiegħu jinabu midfuna taħt il-lapida kommemorattiva tiegħu f'nofs l-Oratorju ta' San Ġużepp), kien ippreżenta lill-Arċikonfraternita minjatura żgħira magħluqa ġo gwarniċ ta' l-injam. Din il-minjatura, li hija pittura taż-żejt fuq it-tila, tirrapreżenta lil Santa Tereża ta' Avila; attwalment din tinsab ikkonservata fl-arkivju ta' l-istess Arċikonfraternita.
* **Fl-10 ta' Marzu 1850,** l-istess Monsinjur Salvatore Lanzon, irregala lill-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp, ħames pjaneti: tnejn ħomor, waħda sewda u l-oħra bajda. Fl-istess jum u sena, Mons. Kan. Kap. Francesco Galea, Protonotarju Appostoliku u membru fi ħdan l-imsemmija Arċikonfraternita u benefatur tagħha, kien irregala wkoll pjaneta oħra ta' kulur vjola.
* **Fil-15 ta' Marzu 1850,** il-Barunissa Marija Tereża D'Amico Inguanez, li kienet Konsorella u Benefattriċi kbira ta' l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp, irregalat lill-Arċikonfraternita, dijadema tal-fidda għal ras ix-xbieha ta' l-istatwa ta' Kristu mejjet li jinsab fil-Monument u li dan jinsab ikkonservat fl-Oratorju ta' l-istess Arċikonfraternita.
* **Fl-20 ta' Ottubru 1850,** l-istes Mons. Salvatore Lanzon flimkien mar-Rev. Sac. Dun Feliċ Taliana kienu rregalaw lill-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp kalċi bil-patena tal-fidda.
* **Fil-21 ta' Jannar 1900,** kienu tlestew l-ewwel żewġ arki ta' l-injam bil-muzzettuni magħhom fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù li għadna naraw sal-lum. L-ewwel tnejn li kienu saru, kienu dawk tal-kappella ta' San Ġużepp u tal-kappella ta' San Pietru. Dawn iż-żewġ arkati jinsabu ħdejn l-artal maġġur. Dawn l-arki ta' l-injam kienu ġew maħduma mill-iskulturi Martino u Giuseppe Vassallo, u ndurati mill-induraturi Paolo u Tommaso Bugeja, fuq id-disinn tad-dekoratur Pietro Fsadni. Għall-iskultura ta' dawn l-arki kienu ħadu s-somma ta' £11 filwaqt li l-induratura kienet qamet £15. Din tħallset fis-27 ta' Marzu 1901. Ta' min jgħid ukoll li dawn l-artisti msemmija kienu ħadmu l-kumplament ta' l-arkati tal-knisja bejn l-1900 u l-1902, kif ukoll l-arkati ż-żgħar bejn kappella u oħra li għadna naraw sal-lum isebbħu l-istess knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù .
* **Fl-1900** ġew ippitturati, indurati u sgraffiti l-erba' Evanġelisti u ż-żewġ Appostli

flimkien mal-pedestalli tagħhom, li għadhom jiġu armati fuq l-artal maġġur fil-Festa ta' San Ġużepp. Dawn ġew imħallsa mill-Prokuratur ta' l-Artal u maħduma mill-Imgħallem Antonio Gauci li kien fratell fi ħdan l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp u mill-Imgħallem Annetto Gauci Galdes. Ġew ippreżentati **fl-10 ta' Marzu, 1900** u swew £12.

* Fl-istess jum u sena, **fl-10 ta' Marzu 1900,** ġiet preżentata girlanda tal-fjuri maħduma bil-ħajt tal-bellus għal madwar l-istatwa proċessjonali ta' San Ġużepp biex tiġi mqegħdha fuq il-pedestall ta' l-istess statwa. Din ġiet mogħtija minn Giov. Maria Cachia, li kien fratell fi ħdan l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp, u ġiet maħduma mit-tifla tiegħu Maria Antonia Cachia. Din il- girlanda attwalment m'għadhiex tintuża aktar.
* **Fil-15 ta' Marzu 1900,** ġew ippreżentati tnax-il gandlier arġentati bis-salib magħhom, li jiġu armati fuq l-artal maġġur fil-Festa ta' San Ġużepp. Dawn saru fuq disinn speċjali ta' Ġużeppi Spiteri u kienu ġew imħallsa parti mill-Prokura ta' l-Artal, parti mill-Legat tan-Nutar Giuseppe Maria Azzopardi, meta kien Amministratur Salvatore Camilleri u d-Deputati s-Sinjuri: Rev. Sac. Dun Giovanni Battista Busuttil, Rev. Sac. Dun Salvatore Bugeja, Rev. Sac. Dun Carmelo Azzopardi, in-Nutar Paolo Vasallo, Gaetano Calleja Vitale, Giuseppe Pullicino u Giovanni Portelli. Dawn il-gandlieri kienu ġew maħduma l-Italja u swew is-somma ta' £102,
* Fl-istess jum u sena, **fil-15 ta' Marzu 1900,** is-Sur Amabile Sammut ippreżenta erba' vażuni tal-metall miksija bil-fidda għas-sekonda ordni ta' l-istess artal maġġur. Dawn il-vażuni kienu ġew mibdula ma' erbgħa oħra tal-fidda li saru apposta għal dan l-artal fl-1925.
* **Fit-18 t' Marzu 1900,** ġiet irreglata lill-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp sopratvalja bajda rrakmata bil-ħajt b'diversi kuluri, bl-istemma JMJ u bil-frenża tad-deheb. Din tiġi armata fuq l-artal maġġur (illum mensola) fil-jiem tal-Festa ta' San Ġużepp. Kienet saret fuq id-disinn tad-dekoratur Pietro Fsadni, li kien fratell fi ħdan l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp. Ġiet mogħtija mis-Sur Giuseppe Mangion u maħduma minn bintu stess Annunzjata Mangion, li kienet Konsorella u benefattriċi ta' l-istess Arċikonfraternita.
* **Fl-20 ta' April 1900,** tlestew ħames vażuni tal-fidda għas-sekonda ordni ta' l-artal tal-kappella ta' San Ġużepp. Dawn kienu saru parti għas-spejjeż tal-Prokuratur ta' l-Artal ta' San Ġużepp u parti ġew imħallsa mill-Legat tan-Nutar Giuseppe Maria Azzopardi, fiż-żmien li kien Amministratur Salvatore Camilleri. Dawn il-vażuni kienu qamu sitt liri u tmintax-il xelin.

*Dan it-tagħrif ġie miġbur minn Anthony Casha u ġie meħud mir-reġistru ta' l-inventarju, magħmul fl-1910, ta' l-oġġetti sagri li jappartjenu lill-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp tar-Rabat ta' l-Imdina, minn pp. 2 - 127, ikkonservat fl-arkivju ta' l-istess Arċikonfraternita.*